MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tat-2 ta' April, 2007

Numru 465/2002

**Il-Pulizija**
**Spettur Jeffrey Azzopardi**
**V**

**OMISSIS**
**JOSEPH COMPAGNO**

**Il-Qorti;**
Rat li l-imputat **HESHAM GHARZ EDDIN** ta' erbgha w ghoxrin sena, bin Sakir u Toria Mrad, imwieled l-Libja nhar l-ewwel ta' April 1978 u residenti 6A, Triq il-Kavetta, Qawra, detentur tal-karta tal-identita` numru 23124A u **JOSEPH COMPAGNO** ta' dsatax il-sena bin Wilfred u Beverly Claire nee Hodge, imwieled Pieta nhar il-hamsa w ghoxrin ta' Gunju 1982 u residenti Piccadilly Circle, Flat 4, Triq il-Kavetta, Qawra, detentur tal-karta tal-identita numru 405382M gew imressqa quddiemha w akkuzati talli fit-tmienja w ghoxrin ta' Mejju 2002 ghall-habta tas-sebgha w nofs ta' filghaxija, fin-Naxxar, flimkien ma persuna ohra:

1. Ikkommettew serq ta' kollana tal-perli ghad-detriment ta' Sebastian Mifsud minn Naxxar liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok u bi vjolenza numerika;

2. Talli fl-istess data u fil-jiem ta' wara f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat u cioe il-kollana hawn fuq imsemmija sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahlu biex jbieghuhom jew imexxuhom;

3. Talli fit-tmienja w ghoxrin ta' Mejju 2002, ghall-habta tas-sebgha w nofs ta' filghaxija fin-Naxxar, dolozament bil-hsieb li jikkommettu reat u cioe dak ta' serq, urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghal esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma sehhx minmhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volunta taghhom, liema delitt li kieku sehh, kien ikun kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-lok u bil-vjolenza numerika;

4. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, voluntarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe fil-bieb tal-aluminium, liema hsara tiskorri l-ghaxar liri maltin izda inqas minn hamsin lira maltin ghad-dannu ta' Sebastian Mifsud minn Naxxar.

Rat wkoll s-sentenza moghtija nhar l-hamsa ta’ Lulju 2004 minn din l-istess Qorti kif preseduta fl-ismjiet **Il-Pulizija [Spettur Jeffrey Azzopardi] v Hesham Ghanz Eddin u Joseph Compagno** minn fejn jirrizulta li l-imputat Joseph Compagno kien instab hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu u li l-Qorti kienet poggietu taht ordni ta’ probation ghal perjodu ta’ tlett [3] snin ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta taht xi kundizzjonijiet ulterjuri msemmija f’dik s-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi nhar it-tlettax ta’ Mejju 2005 l-Probation Officer Mary Grace Vella ippresentat rikors fir-Registru ta’ din il-Qorti

fejn infurmat lil Qorti li l-probationer Joseph Compagno kien ikkumpensa lil vittma u li kien ghamel mitt siegha xoghol ta’ servizz fil-komunita gewwa l-Fondazzjoni Eden w infurmat lil din il-Qorti li l-probationer xtaq imur l-Ingilterra sabiex jiltaqa ghal ewwel darba ma xi familjari tieghu, fosthom ommu.  Illi hija ghamlet l-verifiki taghha w irrizulta li verament l-familjari tieghu kienu lesti jaccettawh u ghalhekk talbet lil Qorti ghai xi direttivi.

Illi b’digriet tal-hamsa w ghoxrin ta’ Mejju 2005 il-Qorti kienet laqghet x-xewqa tal-probationer Joseph Compagno sabiex isiefer b’dan li jekk l-probationer ikun Malta ghal xi perjodu waqt il-perjodu operattiv ta’ din l-ordni li kellu, hu kellu jikkomunika direttament mal-ufficjal tal-probation inkarigata sabiex dan l-ufficju jzomm kuntatt mieghu.

Illi nhar l-ewwel ta’ Awissu 2005, l-ufficjal tal-probation ippresentat nota fl-atti ta’ din il-kawza fejn infurmat lil Qorti li Joseph Compagno naqas li joqghod ghad-direttivi moghtija lilu mill-istess ufficjal tal-probation sabiex jittiehdu l-passi mehtiega li tigi assigurata r-rihabilitazzjoni tieghu.

Illi b’digriet taghha tat-tlieta ta’ Awissu 2005 din il-Qorti appuntat din l-istess nota ghas-smiegh ghas-sbatax ta’ Awissu 2005.

Illi fl-istess jum tal-ewwel ta’ Awissu 2005, l-istess ufficjal tal-probation resqet denunzja ghaliex fil-fehma taghha l-imputat probationer Joseph Compagno ma kienx qed joqghod ghal ordnijiet taghha u li fil-fehma taghha, ma kienx fi stat stabbli li jghin fil-komunita minghajr ma jkun ta’ hsara persOnali ghalih u ghal persuni ohra u ghalhekk talbet li jigi mizmum f’ambjent aktar ikkultivat.

Illi nhar t-tletin ta’ Awissu 2005 l-ufficjal tal-probation xehdet li Joseph Compaagno kien beda l-programm ta’ rihabilitazzjoni f’Santa Marija u dan b’mod residenzjali. Izda irrizulta li beda l-programm nhar t-tmintax ta’ Awissu 2005 u telaq minn rajh fit-tmienja w ghoxrin ta’ Awissu 2005 u rega’ dahal fl-istess program l-ghada d-disgha w ghoxrin ta’ Awissu 2005.

Illi permezz ta' rikors datat l-ewwel ta' Settembru 2005 l-ufficjal tal-probation infurmat lil Qorti li Joseph Compagno kien rega' telaq nhar l-ewwel ta' Settembru 2005 minn rajh mill-programm u dan kontra d-direttivi moghtija lilu minnha.

Nhar t-tnejn ta' Novembru 2005 l-probationer Joseph Compagno seduta stante informa lil Qorti li hu kien qed jirrisjedi fl-isptar Monte Carmeli u f'kaz li kien ser jitlaq kien ser jinforma lil probation officer.

Nhar t-tnejn ta' Novembru 2005, xehdet l-probation officer Mary Grace Vella fejn qalet li Joseph Compagno kien inghata cans iehor biex jibda programm residenzjali f'Santa Maria, pero telaq. Izda mill-ewwel ta' Settembru 2005 sa meta xehdet l-Qorti, Joseph Compagno kien qed jirrisjedi l-isptar Monte Carmeli ghaliex ma kienx mentalment stabbli biex joqghod barra u kellu problema ta' *homelessness* w in effetti kien qed jerga jigi ppreparat biex jibda l-programm dinuovo u dan, din d-darba mal-Agenzija Sedqa. Giet infurmata pero li din l-agenzja ma kienetx ghazlitu. Ikkonfermat li Joseph Compagno ghandu problemi socjali wkoll.

Nhar s-sebgha ta' Dicembru 2005 l-istess probation officer Mary Grace Vella regghet xehdet l-Qorti fejn qalet li Joseph Compagno kien mistenni jibda program residenzjali mal-OASI u fil-fatt dik il-gimgha stess kien mistenni li jibda jahdem taht l-iskema ta' Monte Carmeli sabiex ikun jista jhalli l-kontribut necessarju ghal program.

Nhar l-hmistax ta' Frar 2006 l-istess probation officer Mary Grace Vella regghet xehdet l-Qorti fejn qalet li Joseph Compagno kien rega' beda l-programm nhar d-disgha w ghoxrin ta' Jannar 2006 izda hareg l-ghada stess u li kien rega' qieghed l-isptar Monte Carmeli biex jigi ppreparat biex isegwi l-programm mal-OASI. Qalet li hu m'ghandux motivazzjoni u fil-fatt kien dahal fi program minhabba kwistjoni tal-Qorti. Dan nonostante l-Fondazzjoni OASI kienet lesta taccettah mill-gdid.

Illi permezz ta' rikors ppresentat nhar s-sbatax ta' Frar 2005, l-istess probation officer Mary Grace Vella infurmat lil Qorti li Joseph Compagno kien telaq mill-isptar Monte Carmeli minn rajh u li fil-present kien fi stat ta' *homelessness*, u hija ma kienetx giet infurmata b'xi tibdil fl-ordni tal-probation kif kien obbligat li jaghmel skond l-verbal tal-Qorti tat-tnejn ta' Novembru 2005.
Illi ghal zmien twil l-probation officer stqarret li ma kellhiex aktar kuntatt mal-probationer Joseph Compagno u ma kienet taf xejn aktar dwaru.

Illi nhar l-hamsa ta' Frar 2007 l-Kummissarju tal-Pulizija ppresenta rikors fir-Registru ta' din il-Qorti fejn informa lil istess Qorti li Joseph Compagno kien qed jirrisjedi fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin taht arrest preventiv fuq allegat reat iehor.

Illi nhar l-erbatax ta' Marzu 2007 l-ufficjal prosekutur iddikjara li mill-investigazzjoni minnu mizmuma rrizulta li l-probationer Joseph Compagno kien telaq mill-isptar Monte Carmeli sabiex imur l-Awstralja sabiex isur lil ommu.

Illi mill-provi prodotta mill-prosekuzzjoni w eleborata mill-ufficjal tal-probation, liema provi ma gewx kontestati fl-ebda hin mill-probationer Joseph Compagno, l-istess probationer kiser il-kundizzjonijiet moghtija lilu fl-ordni tal-Probation u naqas li jzomm kuntatt regolari mal-ufficjal tal-probation wara li din hadet daqstant pacenzja bih.

**Il-Qorti** rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 21(2) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta u **tiddikjara li l-probationer JOSEPH COMPAGNO naqas milli jhares l-htiega ta' din l-ordni w ghalhekk tkkundannah ghal hlas ta' amenda ta' mitt [100] lira maltin.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------